Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 127 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Kylie Borg

Vs

Darren Mizzi

Illum 30 ta' Novembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Darren Mizzi detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 523781 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fit-18 ta' Gunju 2013 gewwa Hal Qormi u f' postijiet ohra gewwa Malta, b' diversi atti maghmulin minn l-imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, li jitqiesu bhala reat wiehed, mexxa zewg biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta' ta' € 100 il-wahda, meta kien jaf li huma falsifikati.

U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta' ta' € 100 il-wahda, meta kien jaf li l-istess karti tal-flus huma falsifikati.

U talli huwa recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-8 ta' Ottubru 2012 Mag Dr. A. Mizzi LL.D u tat-8 ta' Mejju 2013. U li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu

f'dawn is-sentenzi meta gew applikati l-art. 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin u Art 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin Mag Dr. S. Demicoli LL.D rispettivament.

F' kaz ta' htija, il-prosekuzzjoni talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, sabiex jekk filwaqt tal-procediment kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qerda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu.

F' kaz ta' htija l-Qorti ghandha gentilment tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar id-9 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti **rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 45, 46 u 50 (3) tal-Kapitolu 204, l-Artikolu 6 A (b) ta' l-Att dwar il-karta' ta' l-identita' Kapitolu 258 u l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u iddikjarat li ssibu hati tal-akkuzi kollha salv u b' eccezzjoni ghall-akkuza ta' recidiva minn liema akkuza illiberatu. Dwar il-piena pero' ikkundannat lill-imputat DARREN MIZZI sena (1) prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

**Ordnat wkoll pero' li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Supervizjoni ta' ufficcjal sorveljanti ghal perjodu kollu tas-sospensjoni tas-sentenza u cioe' ghal perjodu ta' tlett snin u dan skond id-digriet hawn anness li ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Ordnat wkoll ai termini tal-Artikolu 28 H (1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li l-imputat ihallas lura s-somma ta' mitt ewro (€100) lill-vittma Raymond Buhagiar u**

**mitt ewro (€100) lill-vittma Victor Borg u dan bhala danni li huma sofrew minn l-agir abbuziv ta' l-imputat u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.**

**Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole Services bil-ghan li jigi nominat kandidat idoneju sabiex isegwi lill-imputat u ghal dan il-ghan taghti ir- rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur ta' tali ufficcju sabiex possibilment tigi appuntata l-probation officer Annabelle Bugeja li gja ghanda konoxxenza tal-kaz.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza u x' jigri f' kaz li jonqos li josserva xi kundizzjoni ta' l-ordni annessa tas-supevision order.**

Rat in-nota tad-denunzja tal-probation ppresentata fil-27 ta' Lulju, 2016 fil-konfront ta' Darren Mizzi.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tal-14 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti, **ghalhekk hasset li dan huwa kaz serju u li l-imputat ma jridx jindirizza b' mod serju il-problema ta' abbuz ta' droga li ghandu serjament, u ghalhekk ordnat ai fini tal-Artikolu 28 G (9) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li <u>s-sentenza sospiza moghtija permezz tas-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi nhar id-9 ta' Gunju, 2015 fejn l-imputat DARREN MIZZI kien gie ikkundannat sena prigunerija, tigi reza effettiva.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Darren Mizzi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2017, fejn talbet lil din l-Onorabbli joghgobha tvarja u tbiddel is-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tiddikjara li m' ghandhiex tigi fis-sehh is-sentenza tad-9 ta' Gunju, 2015 jew minflok taghti sentenza aktar ekwa u gusta fil-confront tal-appellant, dana dejjem taht dawk ic-cirkustanzi li jidhru xierqa lil din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma messitx gabet fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija u dana billi ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti ma qaghadx ghal kollox mal-ordnijiet tal-Probation Officer kien hemm granet u perjodu fejn ghamel tentattiv li johrog mill-problema tad-droga li kellu izda din il-problema hakkmitu serjament.

Illi presentament l-appellanti huwa fil-kors li jibda programm residenzjalim ghal kontra l-abbuz tad-droga.

Ikkunsidrat,

Illi fil-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti, l-appellanti jishaq illi ghalkemm huwa minnu illi huwa ma kienx qed joqghod ghall-ordnijiet imposti fuqu mill-Ufficjal Sorveljanti, madanakollu huwa ghamel kull tentattiv biex johrog mill-problema tad-droga, izda kien mahkum mill-istess b'mod gravi tant illi ma irnexxielux u ghalhekk l-imgieba tieghu kienet wahda kaotika. Illi bhal issa huwa bi hsiebu jibda programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u ghalhekk sentenza ta' prigunerija tkun wahda kontro-produttiva ghalih.

Illi minn ezami ta'l-atti tad-denunzja jidher illi l-appellanti ghandu problema akuta ta' vizzju ta' droga, tant illi huwa qatt ma indirrizzaha b'mod serju. Illi l-Ufficjal Sorveljanti Anabelle Bugeja, ghalkemm kif stqarret l-Ewwel Qorti ghamlet l-almu taghha biex tghin lill-appellanti jindirizza din il-problema, madanakollu f'dan l-istadju ta' appell ma setatx taghti informazzjoni lil din il-Qorti dwar l-andament fil-hajja tieghu billi sahhqet illi gjaldarba il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza kien intemm u allura kienet giet ukoll fit-tmiem taghha l-Ordni ta' Supervizjoni, hija ma

baqghetx issewgi lill-appellanti. Madanakollu din il-Qorti setghet tinghata informazzjoni essenzjali ghall-ezitu ta' dan l-appell minn Markita Cammileri, il-keyworker li qed issegwi lill-appellanti addetta mas-servizzi tas-Sedqa, li xehdet f'dawn il-proceduri u ipprezentat ukoll rapport bil-miktub. Jidher illi ghalkemm huwa minnu dak li xehdet l-Ufficjal Sorveljanti quddiem l-Ewwel Qorti illi l-imgieba ta'l-appellanti sa dak iz-zmien kienet wahda kaotika ferm tant illi kien ikun irregolari fl-appuntamenti ma' dawn in-nies professjonali li kienu qed jippruvaw ighinuh, madanakollu illum s-sitwazzjoni qallbet ghall-ahjar. Jidher illi illum l-appellanti irnexxielu jieqaf jiehu il-methadone biex jeghleb il-vizzju tad-droga, isegwi appuntamenti regolari kemm mal-agenzjoni Sedqa kif ukoll mal-psikjatra kuranti tieghu u anke jiehu il-medikazzjoni ghal problemi psikjatrici li ibati minnhom. Jidher li irnexxielu jistabilixxi relazzjoni tajba ma' ibnu u anke mal-familja tieghu. Qed jiehu kura ta' sahhtu u l-apparenza tieghu u ghandu stil ta' hajja pozittiva. Illi ghalhekk din ix-xhud tghid hekk fix-xhieda taghha:

"**Jien rajt bidla kbira fih jigifieri sal-punt nghid li allahares jehel il-habs** ***at this point*** **ghax qisu nergghu lura** ***back to square one*****, ghalinqas hemm riskju**."

Illi ghalkemm huwa minnu, kif stqarret tajjeb l-Ewwel Qorti, illi l-appellanti diga inghata diversi opportunitajiet mill-qrati taghna biex jirriforma hajjtu u alura biex isib l-kura ghal problema kbira li huwa afflitt minnha tal-vizzju tad-droga, madanakollu billi l-appellanti issa qed juri ir-rieda t-tajba biex jimxi 'il quddiem f'hajjtu, din il-Qorti tqies illi jekk issa huwa jigi inkarcerat, ikun hemm il-biza illi din ir-rieda tajba tintilef b'detriment mhux biss ghall-appellanti izda ghas-socjeta in generali billi jkun hemm il-biza ta' ripetizzjoni tal-kummissjoni ta' reati. L-appellanti madanakollu irid jifhem illi huwa irid jibqa' juri din ir-rieda billi jibqa' isegwi b'mod regolari il-kura psikjatrika li ghandu bzonn, jiehu il-medikazzjoni minghajr waqfien u anke li jindirizza darba ghal dejjem il-problema tad-droga bl-ghajnuna tan-nies professjonali li qed jaghmlu hilithom kollha biex ighinuh. Illi inoltre mill-fedina penali ta'l-appellanti jidher illi mis-sena 2015 sal-lum huwa ma kellux kundanni ohra minn dawn il-qrati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, taqta' u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata b'dan illi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet illi l-appellanti kiser l-Ordni ta' Supervizjoni imposta fuqu bis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti tal-14 ta' Marzu 2017, tvarjaha fejn din gabet fis-sehh is-sentenza sospiza moghtija fid-09 ta' Gunju 2015 u minflok tikkundannah ammenda ta' €232.94.

Edwina Grima
Imhallef